MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 324/2009

**Farrugia Oliver**

**ID. 210479M**

**Vs**

**Tancred Manfre (ID. 470561M)**

**U skond il-verbal tal-11 ta' Frar tas-sena 2010, giet kjamata fil-kawza is-socjeta' MRM Estates Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' April, 2009 fejn l-attur talab illi ghamel xi xoghol ta' twahhil ta' madum fil-propjeta' tal-konvenut skond kif mitlub u fuq ordni tal-konvenut, izda l-konvenut minkejja bosta interpellazzjonijiet baqa' ma hallasx bilanc mis-somma dovuta u ghalhekk ghadha llum dovuta s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) ekkwivalenti ghal elf

u hames mitt lira maltin (Lm 1,500), rapprezentanti in kwantu ghal elfej hames mija tnejn u sittin ewro u wiehed u tletin centezmu (€2,562.31) ekwivalenti ghal hdax-il mija maltin (Lm1,100) f'sorte u r-rimdnenti bilanc bhala taxxa fuq il-valur mizjud kemm fuq dak li ghandu dovut kif ukoll fuq is-somma ta' €3,000 li diga thallset akkont ta' l-ammont totali dovut, oltre l-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament, oltre l-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament, ghalhekk jintalab il-konvenut jigi kkundannat:-

1. Ihallas is-somma lill-attur is-somma ta' €3,494.06 ghar-ragunijiet fuq dettaljati, flimkien ma' l-interessi ulterjuri sad-data ta' l-effettiv pagament;
2. Thallas l-ispejjez tal-kawza prezenti kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap XII numru 7/09 kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment it-tnejn fl-istess ismijiet, kollox kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Ili wara li gie debitament notifikat il-konvenut ipprezenta risposta fejn ecepixxa illi fl-ewwel lok, l-esponent m'hux il-legittimu kontradittur, stante illi x-xogholijiet saru fuq ordni tas-socjeta' MRM Estates Limited.

Subordinatament, u minghajr prejudizzju ghal dak gia eccepit it-talbiet kif dedott huwa infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemm ebda ammont li huwa dovut.

Illi in oltre, minghajr pregusizzju x-xogholijiet mertu ta' din il-kawza ma sarux skond is-sengha u l-arti, u dank if se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Illi b'rikors ipprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2009 l-attur talab illi tigi kjamata in kawza s-socjeta' MRM Estates Limited.

Wara li s-socjeta' MRM Estates Limited giet notifikata bhala kjamata in kawza, pprezentat risposta fejn eccepiet it-talbiet kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemm ebda ammont li huwa dovut, u dan peress illi x-

xogholijiet mertu ta' din il-kawza ma sarux skont is-sengha u l-arti, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi a kawza da dawn ix-xogholijiet ezegwiti, is-socjeta' esponneti soffriet danni u dan kif qieghed dedott fil-kontro-talba taghha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

U ghamlet ukoll kontro talba fejn tablet illi sar xoghol minn Oliver Farrugia, f'proprjeta' tal-istess socjeta' gewwa tal-Ibragg, li sar fuq ordni tas-socjeta' MRM Estates Limited, izda dan ix-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti u a kawza ta' dan is-socjeta' MRM Estates Limited soffriet Danni ghall-valur ta' €3,207.70, ghal-liema dani jahti unikament Oliver Farrugia u ghalhekk ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €3,207.70 lis-socjeta' esponenti, bl-ispejjez kollha kontra Oliver Farrugia li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Illi l-attur gie notifikat bil-kontro talba pprezenta risposta ghaliha fis-6 ta' April, 2010 fejn eccepixxa illi:-

1. Illi t-talbiet ta' Tancred Manfre' huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, tant li l-istess Tancred Manfre' qatt ma baghat ebda korrispondenza sabiex juri dan l-allegat Danni.
2. Illi fit-tieni lok, anke jekk Tancred Manfre' qieghed jippretendi Danni, l-imsemmi Tancred Manfre' lanqas ma ddepozita b'cedola dawk l-oggetti li gew installati minn Oliver Farrugia fuq struzzjonijiet ta' Tancred Manfre' ghax-xoghol li esegwixxa fil-propjeta' tieghu stess.
3. Illi fit-tielet lok, Tancred Manfre' kellu dritt iwaqqaf lil Oliver Farrugia milli jkompli l-inkarigu moghti lilu, liema haga ma ghamlux, imam anzi halla lil Oliver Farrugia jlesti l-inkarigu kollu, biex imbaghad lanqas ma jhallas l-istess Oliver Farrugia.
4. Illi ghaldaqstant l-ispejjez ta' din il-kawza inklux tal-avviz tat-talba promotorju ntavolat minn Oliver Farrugia ghandhom jigu sopportati mill-istess Tancred Manfre' u l-kjamat in kawza MRM Estates Limited in solidum.

xehed l-attur permezz ta' affidavit fejn qal ix-xoghol tieghu huwa dak ta' tile layer ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar hmistax (15)-il sena. Wiehed mill-klijenti tieghu kien Damian tal-B&M ta' B'kara. Kien Damien li qal lil Tancred Manfre' bl-attur. L-attur kien tkellem mal-konvenut fuq blokka flats u pent house gewwa l-Ibragg. Kien ftehmu bil-prezz ta' tlett liri maltin u hamsin centezmu (Lm3.50) u cioe ekwivalenti ghal tmien ewro u hmistax-il centezmu (€8.15) il-metru u l-gonot jinghaddu bhala maduma. L-iskirting jithallas bil-lira u hamsa u ghoxrin centezmu lira maltija (Lm1.25) u cioe' ekkwivalenti ghal zewg ewro u wiehed u disghin centezmu (€2.91) il-metru.

Ma' Tancred jghid illi qatt ma kellu problem hlief darba meta telaq kmieni ghax spiccalu z-zrar. Kien mar ikompli bicca xoghol ohra u gie wara u biex ma joqghodx igorr l-ghodda.

Jghid illi Tancred Manfre kien ikun hdejh iqatta siegha. Jghid ukoll illi jaf illi fil-penthouse kien hemm tieqa li l-madum taghha ma giex livell u ghalhekk qalghu u bidlu. Malli lesta kejjel biex jara x'kien fadallu jigbor flus peress illi l-konvenut kien diga ghaddilu tlett cekkijiet, izda meta qallu biex ikejlu Tancred Manfre kien hadu bl-herra u qallu li jkejjel meta jrid hu. Kien hawnhekk li l-attur induna li kellu l-problemi biex jigbor flusu u llittikaw. Jghid ukoll illi qatt ma ntalab sabiex ihallas xi Danni fil-post li hadem fih u din il-kwistjoni harget biss fil-kontro talba.

Xehed ukoll permezz ta' affidavit Tancred Manfre fejn spjega illi hu qatt ma kellu relazzjoni ma Oliver Farrugia f'ismu izda dejjem tkellem ghan-nom tal-kumpanija MRM Estates Limited li taghha huwa direttur. Jghid illi l-kumpanija kienet qabbdet lil Oliver Farrugia. Kienet il-kumpanija li xtrat il-materjal u li hallset lill-atturi. Jghid illi l-kumpanija dejjem tablet kont ufficjali jew bil-miktub minghand l-attur u dan baqa' ma wasalx.

Fir-rigward tal-kontro talba l-konvenut jghid illi hu dejjem halla f'idejn l-attur u ma tantx kien imur fuq il-post. Jghid illi hu ma kienx jifhem u kien jipprovdi l-materjal li jitolbu l-attur. Jghid illi l-attur halla hafna hmieg warajh. Kien talab lil Ciantar Associates biex ihejju rapport fuq it-tqeghid tal-madum.

Xehed Robert Ciantar li hale fir-rapport tieghu u spjega fejn hass li hemm in-nuqqasijiet fit-tqeghid tal-madum.

Meta xehed in kontro ezami Tancred Manfre qal illi hue ried il-kont sabiex jivverifika l-kejl mal-perit tieghu. Mistoqsi ghalxiex ma waqqafx lil attur wara l-ewwel maisonette u mhux wara li tlestew l-erbgha maisonettes, hu jghid illi ma jifhimx u kellu jkellem lil perit. Ikkonferma ukoll illi qatt ma nforma l-attur li x-xoghol ma ghogbux. Jghid ukoll illi dawn il-postijiet inbieghu.

It-Tribunal ra d-dokumenti u semgha x-xhieda jikkonsidra :-

Illi l-attur talab il-hlas ghal xoghol ta' madum illi kien ghamel lil konvenut. Il-konvenut min-naha l-ohra jghid illi minkejja li tkellem hu u ftehem hu, dan kien qed jaghmlu ghan-nom tal-kumpanija. Il-konvenut qal illi baqa' ma hallasx ghax qatt ma rcieva kont ufficjali minghand l-attur izda meta rcieva t-tahrika tal-kawza it-Tribunal jinnota illi l-konvenut mar ghand perit biex johrog rapport fuq xoghol hazing. Dan ghamlu sitt (6) xhur wara li tlestew erba' (4) maisonettes. Il-konvenut ikkonferma ukoll illi lil attur hallieh ilesti erba' (4) maisonettes u ma waqfux qabel. Qal ukoll illi minkejja li sar xoghol hazing fil-madum dawn il-maisonettes bieghhom. Ma gab ebda prova jew ricevuta illi ghamel xi xoghol rimedjali qabel bieghhom jew li sahansitra biddel il-madum kif kien issugerixxa l-perit tieghu.

Fir-rigward tal-kjamat in kawza it-Tribunal ihoss illi peress illi l-ftehim sar kollu verbalment, allura l-attur kellu ragun jahseb li kien qieghed jiddilja mal-konvenut personalment.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut Tancred Manfre sabiex ihallas lil attur is-somma mitluba fl-avviz ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv. Ghalhekk it-Tribunal jillibera lil kumpanija kjamata in kawza.

Fir-rigward tal-kontro talba t-Tribunal ma jhossx illi ngiebhu provi bizzejjed biex tissustanza din it-talba u ghalhekk tichadlu.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------